MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 92/2008

Kawza fil-lista: 26

**A B, illum D,**
**f' isimha proprju u ghan-nom tat-tifel minuri C D**
**vs**
**E B, id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u F G, kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-attrici u l-konvenut E B, konjugi B, iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-1 ta' Marzu 2007, wara li kienu ilhom de facto separati mill-4 ta' Lulju 2004; li wara s-separazzjoni de facto l-attrici dahlet f' relazzjoni stabbli mal-kjamat fil-kawza F G u minn din ir-relazzjoni twieled fis-6 ta' Settembru 2007 it-tifel C D li pero' fuq l-att

tat-twelid tieghu gie registrat bhala t-tifel tal-konvenut E B; ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara:

Li F G huwa l-missier naturali tat-tarbija C D u ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid tat-tarbija C D liema certifikat igib in-numru progressiv 3050 li ddahhal fit-3 ta' Ottubru 2007 u li hu anness bhala Dok. B, u fejn hemm 'Isem il-Missier' jitnehha l-isem ta' 'E B' u floku jidhol l-isem ta' "F G" li ghandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 502471(M), li ghandu 37 sena, twieled il-Pieta' u joqghod il-Qrendi, bin Joseph u Filomena nee' Borg u jsir it-tibdil l-iehor kollu li hemm bzonn, u t-tibdil isir fl-atti l-ohra relatati u sussegwenti.

Il-konvenuti huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E B li biha ammetta ghat-talbiet attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha:

1. Illi in vena preliminari jissokta li ma hemm l-ebda artikolu fil-liġi li jagħti d-dritt lir-rikorrenti bħala terz interessat li tipproponi kawża ta' riċerka ta' paternità. Għal kull bwon fini f'dawn it-tip ta' kontiġenzi l-unika fakoltà li tikkonċedi l-liġi għaf-favur ta' terzi persuni interessati hija d-dritt li tattakka l-filjazzjoni tal-minuri kif stipulat **fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri C D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*<u>the said</u>*' li jinsabu qabel isem E B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll

jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru 3050 tas-sena 2007. Magħdud ma’ dan ir-rikorrenti A B trid tindika wkoll jekk hux ser ikun hemm lok għal bdil fil-kunjom tal-minuri C D jew le;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat li l-kjamat fil-kawza F G ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u mill-Ispizjara d-Dottoressa Marisa D [fols.67 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat li fl-udjenza tat-8 ta’ April 2010 id-Direttur irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici, pro et noe, qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel taghha C D B li twieled fis-6 ta’ Settembru 2007 u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 3050/2007 gie registrat bhala l-wild tal-konvenut E B, huwa fil-fatt il-wild naturali u bijologiku tal-kjamat fil-kawza F G; u qed titlob ukoll id-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

Il-konvenut E B, jaderixxi mat-talba attrici;

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici u l-konvenut E B, konjuigi B, kienu sseparaw de facto fl-4 ta' Lulju 2007, u sussegwentement l-attrici dahlet f' relazzjoni stabbli mal-kjamat fil-kawza F G.

Minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali twieled it-tifel C D fis-6 ta' Settembru 2007. L-attrici tghid li mis-separazzjoni de facto il quddiem hi ma kellhiex relazzjonijiet sesswali aktar mal-konvenut E Ablea, u tghid li t-tiflel huwa l-wild tal-kjamat fil-kawza.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw it-tezi ta' l-attrici, stante li jikkonfermaw li t-tifel huwa l-wild naturali tal-kjamat fil-kawza F G.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fit-termini taghhom, u filwaqt li tiddikjara li t-tifel C D li twieled mill-attrici fis-6 ta' Settembru 2007 huwa l-wild naturali u bijologiku tal-kjamat fil-kawza F G, tordna wkoll li l-kunjom tal-minuri jigi ndikat bhala 'G'.

L-ispejjez jkunu a kariku ta' l-attrici f' isimha proprju u tal-konvenut F G, konguntivament fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------